# Ftit mill-Qassisin ta' xi 70 sena ilu



**Kav. Dr Karmenu Mallia**
*D.Litt, M. & Dr.(Bibl.Stud., Calif.), ND, BAHons(Lond), Lic.Esperanto, Dip.FH&HC(Paris), Dip.Glob.Eth.(Joensuu,Finl.),*

Meta tikber, il-moħħ ma jibqax jerfa' bħal qabel, u dak li tkun għaddejt minnu jibda jiċċajpar. Bħal meta tkun qed tiekol biċċa ħobż. Int u tiekol tara l-frak quddiemek. Il-kbir ikun telaq.

Qed nipprova niftakar xi ftit minn tfuliti u żgħożiti, u dak li niftakar qed nipprova nwasslu lilkom. Parti mill-Istorja mhux biss tiegħi imma tar-raħal tagħna (belt) ta' dak iż-żmien.

Ġieni f'moħħi li dis-sena nikteb fuq xi qassisin li kont niltaqa' magħhom kuljum il-knisja arċipretali ta' San Ġorġ Martri fejn kont abbati. Dak iż-żmien fil-parroċċa ma tantx kien hawn qassisin. Mhux bħal ta' xi mitejn sena ilu, meta l-kor kien ikun mimli bihom. Fi żmieni, il-qassisin kollha kont issibhom fuq is-sedji ta' naħa waħda tal-kor, u s-sedji tan-naħa l-oħra kienu jibqgħu vojta.

Is-sena l-oħra fuq dal-ktieb tal-festa ktibt artiklu fuq il-kuġin ta' missieri, Dun Manwel Mallia. Did-darba se nsemmi wħud mill-qassisin ta' żmieni u kif kont niġi wiċċ imb wiċċ magħhom. Qed ngħid: "uħud" għax ma' jistax ikun nikteb wisq. Mela tridux nibdew biex ma nżommkomx fuq ix-xwiek?


*Dun Salv Cilia*

Se nibda b'Dun Salv Sammut li kien joqgħod ħdejn il-knisja, bieb u għatba. Milli jidher Dun Salv kellu bir b'ilma ċar u tajjeb. Meta kien ikun il-knisja, ġieli kien jibgħatna għand oħtu, li kienet tkun id-dar, għal tazza ilma frisk biex innewluhielu s-sagristija. Imma mbagħad, meta kien ifettlilna, xi ħadd minna l-abbatin kien imur jittallab tazza ilma mingħajr ma kien ikun jaf Dun Salv u konna nixorbuha belgħa kull wieħed. Oħtu lanqas kienet tkun taf bl-istorja. U, lestejna, it-tazza kienet terġa' tmur lura minn fejn ġiet, vojta bla ħafna kliem. Aħna, l-għors tagħna. Daħqa kultant ma kinitx tagħmlilna ħażin. Flimkien ma' boqqa ilma frisk. U jalla daħqa!

Dun Salv kien qassis minn tagħna, ma kienx iqarar imma kultant kien jitla' l-pulptu. Fuq dan niftaktar storja. Żmien il-gwerra, meta hekk kif toħroġ mill-bibien tal-knejjes kont issib quddiemek ħajt tal-ġebel u għalhekk purċissjonijiet u vari ma kinux jistgħu jitfaċċaw barra.


*Dun Ġużepp Cilia*

Mela darba Dun Salv tela' jagħmel il-priedka tal-Aċċjomu, waħda minn dawk il-prietki tar-Randan. Dun Salv, darba jitla' dak il-pulptu, għid li se jdum hemm fuq mhux ħażin. Billi bħalma għedt kienet il-ġwerra, kulħadd kien ikun fuq ix-xwiek, imur fejn imur, għax biex tibda ddoqq is-sirena tal-air-raid ma kontx trid wisq. Imma did-darba Dun Salv ma qagħadx iqis li kienet il-gwerra. Dam jipprietka. Niftakar li xi qassis biex jiċċajta fil-kor għajjat: "Morru għidulu li ġiet bomba fuq id-dar tiegħu, ħa' jinżel minn hemm." Milli jidher il-predikatur induna li kien dam xi ftit iżżejjed f'kundizzjonijiet bħal dawk. U niżel. Kulħadd beda sejjer: "Għall-erwieħ! Għall-erwieħ!"

Kien hemm ukoll Dun Ġużepp Azzopardi, il-Viċi, qassis kwiet li kien iqarar ħafna u li kien imfittex sew għall-pariri. Ma kienx jipprietka. Issa jien kont imdorri li għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu mmur nisma' quddiesa kuljum qabel immur is-Siminarju. Hekk kienet id-drawwa. Allura kont tilmaħ 'il Dun Ġużepp fil-bieb tas-sagristija jżebbeġ biex ifittixni ħalli mmur miegħu iqarben 'il xi xiħ jew xiħa. Lili biss kien jimmarka! Wara, arani iġri, iġri, biex nilħaq il-karozza tal-linja. Ġieli kienet tkun ix-xita. Imma meta tkun għadek żgħir ma tħoss u ma tiddejjaq minn xejn.

Kien hemm ukoll iż-żewġt aħwa: Dun Ġużep u Dun Salv Cilia li kienu joqogħdu ħdejn il-Vitorja u għalhekk bogħod sew mill-knisja parrokkjali. Mid-dar tagħhom kont trid taqbad in-niżla imma mbagħad wara għat-telgħa u mhix telgħa ħafifa. Kont trid tarahom dejjem flimkien u t-tnejn jimxu bl-umbrella. Niftakar li meta kont għadni żgħir sewwa, kienu jiġu sa għandna, nofs triq għall-knisja, li konna noqogħdu f'dik id-dar bit-taraġ quddiem il-bieb wara l-knisja ta' Santa Katerina. Dun Ġużepp kien jgħallimna l-katakiżmu hemm.

Issa dawn kellhom tliet aħwa, żewġ nisa u raġel, it-tlieta bil-familji tagħhom. Ir-raġel, iz-ziju Ġovanni, kien miżżewweġ lil oħt ommi, Lola. Allura 'l dawn iż-żewġt aħwa qassisin kont tarahom, huma u niżlin lejn il-knisja, jiqfulek għand ħuthom. Imma l-aktar li kienu jdumu kien għand dan ħuhom Ġovanni, billi kien joqgħod fit-triq ewliena maġenb il-knisja parrokkjali. Fil-fatt mill-bieb tiegħu kont tara sewwa l-knisja u f'kemm trodd salib mingħandu kont issib ruħek fuq iz-zuntier.

Dun Ġużepp kien raġel kwiet ħafna u kien ta' ftit kliem. Ma kienx iqarar, lanqas jipprieka. Imma ħuh, Dun Salv, għalkemm ma kienx jipprietka, kien iqarar ħafna barra li kien ikanta fil-funzjonijiet. Meta filgħodu kien ikun hemm xi quddiesa tal-mejtin, u dan kien ikun sikwit, arah tela' fuq l-orgni biex flimkien ma' Ġorġ, is-sagristan, li kien idoqq l-orgni, it-tnejn kienu jalternaw ma' dawk tal-kor.

Kien jolqotni ħafna l-kant tad-"Dies Irae", li mnalla kien bil-Latin għax naħseb li, kieku n-nies kienu jisimgħu l-kliem bil-Malti, niggarantilkom li ma kienu jieħdu gost xejn. Kien fiha kliem stramb wisq għall-widnejn. Tibda hekk: "Dies irae, dies illa, solvet saeclum in favilla, teste David cum Sibilla" li tfisser: "Dak il-jum hu jum ir-rabja, meta d-dinja tispiċċa kollha nar" u tkompli bi kliem li għandhom x'jaqsmu mal-ġudizzju universali bit-trombi tal-Anġli jdoqqu. Imnalla wkoll li fl-aħħar Konċilju Vatikan, tneħħa l-Latin u daħal il-Malti u dan l-innu medjevali u ikrah għeb għalkollox. Imnalla.

Immorru għal qassis ieħor: Dun Vinċens li kien il-kaxxier

ta' sħabu l-qassisin. Dan kien joqgħod fejn illum joqgħod Dun Karm Grech, ftit 'il bogħod mill-Każin ta' S. Ġorġ. Dun Vinċens la kien iqarar lanqas jipprietka. Imma kellu f'idejh biċċa xogħol sabiħa, dik tal-bini tal-Oratorju li hemm illum fejn l-iskola tal-gvern.


*Dun Vinċens Borg*

Min jaf kemm aħna l-abbatini konna nitilgħu nġorru l-ħamrija biex titwitta dik il-muntanja li kien hemm. Kultant kien jagħtina xi sitt ħabbiet jew sold. Inżid ħaġa oħra: mitt sena ilu beda jaħdem il-Kumitat tal-Festi Esterni San Ġorġ. Dun Vinċenz ħadem ħafna fih. Minn hawn nawguraw lil dal-kumitat ħabrieki: *Ad multos annos*.

Issa dan Dun Vinċens kellu ħuh, is-Sur Ġużè, li kien dilettant jikteb id-drammi. Ġieli konna naħdmu xi drammi tiegħu fl-Oratorju. Niftakar li wieħed mid-drammi tiegħu kien dramm fuq San Ġorġ Martri. Fih jien kont ħdimt il-parti ta' Dijoklezzjanu. Dakinhar is-sala tal-Oratorju kienet imballata sa ruħ ommha u kien hemm min baqa' barra għax ma kienx hemm aktar post. Is-sena? M'iniex preċiż, imma d-dramm aktarx inħadem bejn l-1946 u l-1948. Ħadmu flimkien miegħi – barra oħrajn li nsejt x'jisimhom, forsi wkoll mietu – dawn is-sinjuri, ħbieb tiegħi, li minn hawn insellmilhom u nselli għalihom: l-attur magħruf Qormi George Portelli u Carmelo Cutajar. Il-flus li nġabru mill-biljetti tad-dħul kienu offruti għall-gandlieri tal-fidda li għadhom sal-lum iżejnu l-maġġur maestuż fil-festa ta' San Ġorġ Martri.

Insemmu wkoll lil Dun Ġużepp Borg Bonavia, qasir, ħafif aktar mir-riħ. Dan kien l-uniku qassis li pprova jindiehes magħna, aħna li konna qed nikbru. Darba ħadna fid-dar li kellu San Pawl il-Baħar. Niftakar barra minni kien hemm ukoll George Portelli, Carmelo Cutajar u ma niftakarx aktar 'il min kellna magħna. Wieħed minna fettillu biċ-ċajt joqmos waħda sew fuq din l-imbierka sodda u qasamhielu fi tnejn, hekk li sibna ruħna fl-art. Spiċċajna kulħadd jidħaq b'Dun Ġużepp jidħaq magħna.


***Il-pannell ċentrali tat-trittiku ta' Memmling:***
**"Il-Ġudizzju Universali"**
*(1467-1471)*

Imma niftakar sew ukoll il-Presepju kbir u sabiħ li kien jarma kull sena fl-istudju tiegħu li kellu tieqa għal barra. Kien fih minn kollox u kien jieħu kamra sħiħa. Ma kontx tixba' tħares lejh.

Insemmi wkoll lill-Kan. Dun Lawrenz Saliba, li kien kanonku tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz tal-Birgu. Kien bniedem ta' ħafna enerġija. Jien niftakru sewwa bħala president ekkleżjastiku tal-Azzjoni Kattolika tar-raħal tagħna. Imma fl-aħħar spiċċa bil-banda, kif ngħidu bil-Malti. Dak iż-żmien jien kont żagħżugħ fl-Azzjoni. Kien ilu jgħidilhom lid-dirigenti ċentrali tal-Azzjoni Kattolika, li dak iż-żmien kellu bżonn jitlaq u kellhom jaħsbu għal xi ħadd ieħor floku. Anzi kien edukat biżżejjed u qagħad hemm jistenna u ma qabadx u telaq minn rajh. Imma d-dirigenti qishom riduh hemm bilfors. X'għamlu? Ġew l-Azzjoni u bagħtu għal kull membru biex jistaqsuna fuq Dun Lawrenz. Fl-aħħar ġabru lil kulħadd u taw ħasla lil Dun Lawrenz quddiemna. Allavolja kont għadni daqsxejn ta' żagħżugħ, ħassejtha daqsxejn barra minn lokha ċċanfar qassis quddiem il-membri meta xejn ma kien ħtija tiegħu.

Wieħed mid-dirigenti – ma nsemmihx għax ilu li ħalliena u hu, kif jgħidu t-Taljani, "pesce grosso". Madankollu t-tliet dirigenti li ġew u kienu jmexxu 'l-Azzjoni Kattolika Maltija kollha – intenni wieħed mid-dirigenti qal lil Dun Lawrenz: "Qatt ma konna nobsru li int għarraqt id-dgħajsa ta' Pietru."

Jien qbadt nidħaq. X'kellha x'taqsam id-dgħajsa ta' Pietru mal-Azzjoni ta' Ħal Qormi? Huma ndunaw bija u ħarsu lejja bl-ikrah. Imma jien aktar bdejt nidħaq. Illum ngħid: x'injuranza kien hawn mhux biss fost il-poplu imma wkoll fil-Knisja Maltija. Illum iż-żminijiet inbidlu u ma tasal qatt tagħti tumakka 'l xi ħadd, għax jgħidlek bye, bye.

Kien hemm uħud mill-qassisin tar-raħal li kienu jippruvaw jersqu lejna, imma nieqaf hawn għax inkella nibqa' sejjer u ma nispiċċa qatt. U dan mhux rumanz. Insemmihom biss: Dun Ġużepp Pace, jew Dun Peppin kif konna nsejħulu, li għal xi żmien kien jgħallimni t-Taljan is-Seminarju, Dun Ġużepp Zammit, Dun Ġorġ Bonello, Dun Pawl Attard (wara sar Monsinjur), Dun Gerald Frendo (wara sar ukoll Monsinjur). Dawn kienu aktar moderni minn dawk ta' qabel. Illum dawn kollha ħallewna. Mulej, agħtihom il-mistrieħ ta' dejjem. Huwa ilhom li ħaduh! Jien ngħid minn mindu ħallew did-dinja, u bdew jistrieħu tassew.

Dwar dan, niftakar li ftit xhur ilu kont qed naqra artiklu bil-Franċiż fuq membru parlamentari Amerikan. Is-suġġett kien fuq dak li jsejħu "workaholic", xogħol biss. Dan l-Amerikan ma kienx jaf jistrieħ. Meta qalulu biex jistrieħ, tafu biex ħarġilhom? Qalilhom: "Hemm isfel se jkolli żmien nistrieħ biżżejjed." Fhimtuha? Hemm isfel!

Insomma ma rridx indejjaqkom aktar. Ħafna aktar minn dan, tistgħu ssibuh fil-ktieb tiegħi "Mit-Tieqa tal-Għorfa" li ħareġ madwar tliet snin ilu.

Nistħajjel li aneddoti u stejjer bħal dawn li jġegħluk titbissem intom kellkom ukoll f'ħajjitkom. Forsi mhux f'ambjent tal-knisja, imma xorta parti mill-ħajja mgħaġġla ta' kuljum. Nagħtikom parir. Meta tiġikom xi ċajta li ddaħħaq, irrakkuntawha lil ħaddieħor. Jista' jkun hemm xi ħadd li b'daħqa jew tbissima ttellgħuh 'il-ġenna. Min-naħa l-oħra jekk tiltaqgħu ma' xi ċajta tagħtuhiex daharkom. Aċċettawha. Forsi ma terġax tisimgħu ċajta oħra jew iddumu ma tisimgħu.

Nittama li dawn il-qassisin (hemm min qed juża l-kelma 'presbiteri', biex żgur ħadd ma jifhem xejn!) li semmejt, jew ukoll nieshom, ma jiħdux għalihom b'li ktibt hawn, anzi jieħdu gost minn fejn huma, li f'ħajjithom servew ta' għajnuna, kif kienu jafu u kif setgħu, lis-soċjetà ta' żmienhom.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

NB- *Nirringrazzja lir-Rev. Dun David J. Cilia, BA, SThL, DipEduc, JCL., iben kuġinuwi Joe Cilia, li għoġbu jibgħatli r-ritratti taz-zijiet tal-papà tiegħu, jiġifieri Dun Ġużepp u Dun Salv Cilia. Dwar il-qassisin l-oħra, ma rnexxilix niddobba ritratti tagħhom.*